**FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH CASSAR BA. LL.D.**

**Illum, 26 ta' April 2001**

**Rikors Nru: 76B/98**

**Carmelo Pace**

**Vs**

**Francis Damato**

Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-esponent wara li qal li;

1) hu jikri lill-intimat il-garage, Nitto, Simpson Street Marsa bil-kera ta' mija u sittin lira fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem l-ewwel skadenza fl-1 ta' Ottubru 1998.

2) l-intimat hu moruz fil-hlas, u dan anke minkejja zewg sentenzi, liema morozita' hija dik perista mill-ligi.

Talab li

Jigi awtorizzat jirriprendi pussess tal-fond wara li jigi prefiss terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament ta' l-intimat.

Ra r-risposta ta' l-intimat li qal illi;

L-allegazzjoni tar-rikorrenti hija infondata ghaliex kien l-istess rikorrent li rrifjuta l-hlas tal-kera li dejjem giet depozitata l-Qorti.

Sema' x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti;

Ra l-verbal tas-27 ta' Frar 2001

Ikkunsidra,

1. F'dawn il-proceduri taw ix-xhieda taghhom r-rikorrent, permezz ta' affidavit u l-intimat. Il-partijiet ftit li xejn wrew interess fil-kawza.

2. Illi fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2000 gie pprezentat kapitolu. Billi wara f' seduta ohra l-intimat ikkonferma bil-gurament li jbati b' marda serja u kien l-isptar, liema gurament sar seduta stante, bil-kunsens ta' l-avukat tar-rikorrenti, l-proceduri komplew.

3. Fl-affidavit ir-rikorrent jghid dwar il-kirja

> "Wara illi hallas (i.e. l-intimat) l-ewwel darba, jiggifieri ta' l-1 ta' Ottubru 1977 sal-31 ta' Marzu 1978, mat-tieni skadenza kien diga beda l-inkwiet u jiena kont diga ghamiltlu kawza fuq daqstant. Wara li ghaddejna zmien il-Qorti u l-ammonti telghu, u xorta kien ghadu bl-arretrati, jiena kelli sahansitra nerga nghamillu kawza fuq skadenzi ohra li lahqu dahlu……… Jiena ricentement ergajt ghamiltlu kawza ohra ghall-hlas dovut u xorta wahda ma hallasx dak li hu dovut……" (fol 13).

4. Mill-kopja ta' sentenza esebita a fol 17-18 (P.A. 3/11/97) jirrizulta li fil-5 ta' Mejju 1993 kienet inghatat sentenza favur ir-rikorrent ghall-hlas mill-intimat ta' Lm902.57 rapprezentanti "hlas ta' kera arretrat, spejjez, gjudizzjarji u imghaxijiet u skadenzi ohra". Dik is-sentenza ma gietx esegwita u r-rikorrent ghamel kawza ohra fejn talab l-esekuzzjoni. Din is-sentenza (Citaz. Nru. 1414/93)

moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim' Awla fit-3 ta' Novembru 1997 giet esebita. Il-Bord jifhem li meta r-rikorrent jghid:

> "Jiena ergajt ricentement ghamiltlu kawza ohra ghall-hlas dovut u xorta wahda ma hallasx li hu dovut."

qed jirreferi ghal kawza deciza fit-3 ta' Novembru 1997.

5. Mix-xhieda tar-rikorrent jirrizulta li ghamel zewg kawzi ghall-arretrati ta' kera u wara kawza ohra fejn talab l-esekuzzjoni tal-kreditu. Jirrizulta li l-intimat ghal snin kien irregolari fil-hlas ta' kera u wera traskuragni kbira.

6. Il-Bord kif presedut sema lill-intimat jixhed u ma jhossx li jista' jistrieh fuq ix-xhieda tieghu. Jallega li kien ikun hemm tpacija bejn kera u xoghol ta' ghamara. L-intimat hu mastrudaxxa.

7. Fir-risposta l-intimat sejjes id-difiza tieghu fuq il-fatt li "kien l-istess rikorrent illi rriffjuta l-hlas tal-kera li dejjem giet depozitata l-Qorti." Ma tissemmiex tpacija. Jekk kellha ssir tpacija x' kera kienet tigi offerta lir-rikorrent. L-intimat dejjem jghid li hu kien min fuq. L-intimat jghid ukoll (fol 35)

> "kont inpoggi mija u hamsin lira fis-sena minn dejjem (sottolinear tal-Bord)

Wara fuq mistoqsija tal-Bord stqarr li:

> "Gieli hallast lilu, mela (i.e. fil-bidu tal-kirja). Il-kumplament qghedthom il-Qorti ghax bzajt minnu". (fol 36)

8. Ix-xhieda ta' l-intimat hija mimlija kontradizzjonijiet. Ir-rikorrent ipprova nuqqas ta' hlas jew hlas tard ghall-hafna snin, ipprova li ottjena zewg sentenzi ghall-skadenzi differenti u li l-intimat ma hallsux.

Ghalhekk, il-Bord, jilqa' t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jirriprendi pusses tal-fond 'Nitto', Simpson Street, Marsa; ghall-fini tal-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' tlett (3) xhur mill-llum; l-ispejjes jithallsu mill-intimat.

Dep.Reg Magistrat